Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Elenia Cauchi

Vs

D Door Company

CCT 149/25/MM

Illum, 28 ta' April 2026

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2025 fejn talbet is-somma ta' ħamest elef seba mija u erbgħa u disgħin Ewro (€5,794), rappreżentanti l-prezz imħallas għal sitt (6) bibien li fuq il-ħġieġ bdew jitfaċċaw xi dbababr u li kienu ta' kwalita inferjuri minn dak ordnat minnha.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u tal-biebien bl-allegat difetti.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ordna sitt bibien mingħand is-soċjeta' intimata u wara li tlesta x-xogħol u twaħħlu fuq il-post irriżulta li erbgħa mill-ħames bibien interni kienu difettużi billi bdew jitfaċċaw tbajja u dbabar fuq il-ħġieġ tal-istess bibien.

Is-soċjeta intimata tirispondi billi tgħid li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-bibien huma konformi mad-deskrizzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija lill-kummerċjanti, huma addattati għall-iskop li għalih inxtraw u li normalment jintużaw u huma tal-kwalita' mistennija f'oġġetti tal-istess tip. Is-soċjeta intimata tgħid ukoll li nonostante in *bona fede* xorta waħda għamlet kuntatt mal-manifattur iżda l-manifattur irrifjuta li jonora' l-garanzija stante li t-tbajja feġġew konsegwenza tal-aġir negliġenti tal-utent.

Ikkunsidra

It-Tribunal eżamina bir-reqqa t-talba tal-attur, ir-risposta tal-intimat, kif ukoll il-provi prodotti, inklużi r-ritratti li juru l-kundizzjoni tal-bibien tal-ħġieġ inkwistjoni. Illi huwa paċifiku li, ftit żmien wara l-installazzjoni, dehru tbajja' fuq il-ħġieġ ta' erba' (4) bibien minn total ta' sitt (6) bibien mixtrija, ħamsa (5) interni u l-bieb ta' barra li m'għandu l-ebda difett. Dawn it-tbajja' huma viżibbli fir-ritratti prodotti u ma ġewx kontestati bħala fatt mill-partijiet.

Illi s-soċjeta' intimata tallega li dawn it-tbajja' huma riżultat tal-użu ta' sustanzi kimiċi mill-attur, u għalhekk ma jikkostitwixxux difett fil-manifattura tal-prodott. Min-naħa l-oħra, r-

rikorrenti tiċaħad din l-allegazzjoni u sostniet li intuża biss ilma, u barra minn hekk irrimarkat li kieku l-kawża kienet użu ħażin jew minħabba xi kimika, l-ħsara kienet taffettwa l-bibien kollha u mhux biss parti minnhom.

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia"**, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi meta wieħed jixtri ħaġa, għandu dritt li din il-ħaġa ma tkunx difettuża, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in ezami, hemm difett konsiderevoli fil-bibien. It-Tribunal iqis li l-oneru tal-prova dwar il-kawża tal-ħsara, ladarba ġie stabbilit li l-prodott huwa milqut minn difett, ma jistax jibqa' biss fuq allegazzjoni ġenerika mingħajr sostenn tekniku. F'dan il-każ, is-soċjeta' intimata ma pproduċiet l-ebda prova teknika, rapport ta' espert jew evidenza oħra

li tissostanzja li t-tbajja' huma riżultat ta' użu ħażin jew ta' sustanzi mhux xierqa bħal xi kimika.

Min-naħa l-oħra, il-fatt li wieħed mill-bibien ma ġiex affettwat isaħħaħ il-verżjoni tar-rikorrenti li l-problema mhijiex marbuta ma' użu ħażin jew negliġenti jew ta' xi applikazzjoni ta' kimika fuq il-ħġieġ tal-bieb, iżda aktar probabbilment ma' difett fil-prodott jew fil-finitura tiegħu.

It-Tribunal ifakkar li, skont il-prinċipji legali dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, il-bejjiegħ huwa obbligat jiżgura li l-prodott ikun konformi mal-kuntratt, adatt għall-użu maħsub u mingħajr difetti. Din ir-responsabbiltà hija diretta lejn il-konsumatur u ma tistax tiġi evitata billi tiġi attribwita lil fornitur terz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li s-soċjeta' intimata naqset milli tipprova li l-ħsara hija attribwibbli għall-attriċi u għalhekk dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, il-verżjoni tar-rikorrent hija iktar verosimili jew plawsibbli u għalhekk l-attur irnexxilu jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi huwa tassew minnu li s-soċjeta' konvenuta naqqset li tipprovdi bibien tal-kwalita' pattwit u għalhekk it-Tribunal ma jarax għaliex m'għandux jagħddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Illi fir-rigward tal-quantum, it-Tribunal iqis li, filwaqt li ġie stabbilit li erba' (4) mill-bibien interni jippreżentaw difett, żewġ (2) bibien oħra, inkluż il-bieb prinċipali, ma ġewx affettwati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal rifużjoni sħiħa ma tistax tintlaqa', peress li n-nuqqas ta' konformità ma jaffettwax il-kuntratt kollu iżda biss parti minnu.

It-Tribunal iqis li rimedju proporzjonat huwa tnaqqis fil-prezz li jirrifletti l-valur tal-bibien difettużi, li skont il-provi prodotti jammonta għal €2,920 eskluż VAT, jew €3,445.60 inkluż VAT.

Decide

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qiegħad:

1. Jordna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef erba' mija ħamsa u erbgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€3,445.60), rappreżentanti l-prezz imħallas għal erba' (6) bibien interni fi żmien ġimgħa mil llum;

2. Il-bibien għandhom jittieħdu lura mis-soċjeta' intimata mingħajr ma jikkawzaw hsara lir-rikorrenti u a spejjez a karigu tas-socjeta' intimata minghajr ebda kumpens addizzjonali dovut lejn is-soċjeta' intimata fi zmien xahar mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta' intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud
Arbitru